# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**PRESIDENT**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu 2001.**

**Numru 9**

**Rikors numru 86B/95 JC**

**Olympia mart Robert Bartolo, u l-istess Robert Bartolo bhala zewg l-imsemmija Olympia, ghal kull interess li jista' jkollu, w Emanuella sive Emma armla Camenzuli, f'isimha proprio w bhala mandatarju taz-zewg hutha imsefrin Suor Maria Farrugia tas-Sorijiet Franciscan Missionaries of Mary fis-sekolu Maria Farrugia, u Doris Athanasio**

**vs**

**Salvu Ellis u Tonio Ellis fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "A.F. Ellis Limited"**

**Il-Qorti;**

**<u>IR-RIKORS TAL-APPELL</u>**

Fis-27 ta' Gunju 2000, ir-rikorrenti appellaw minn din il-Qorti mis-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-15 ta' Gunju 2000. Dan bis-segwenti rikors :-

"1. Illi b'rikors ipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera u r-rikorrenti ippremettew li jikru lis-socjeta' intimata l-fond numru 39, Triq Psaila, B'Kara, u l-fond ghadu bieb iehor bin-numru 13, Triq Dun Filippu, B'Kara, bil-kera annwali ta' Lm400 pagabbli kull 11 ta' Jannar u 11 ta' Lulju, li r-rikorrenti inter alia kienu talbu li tigi awmentata ghal Lm2000, permezz ta' ittra sufficjenti tat-30 ta' Awissu 1994, u liema bdil fil-kundizzjonijiet kien qed jigi kontestat mis-socjeta' intimata, permezz ta' proceduri quddiem il-Bord, li rikors numru 62/95, fl-ismijiet Salvu Ellis u Tonio Ellis nee vs Emma Armla Camenzuli et, u r-rikorrenti ippremettew wkoll sutordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, li s-socjeta' intimata ma kienitx qeghda tuza l-fond imsemmi ghall-iskop lilha mikri u dana billi kienet qeghda tuzah bhala showroom u hanut, u ghalhekk kienet biddlet id-destinazzjoni tal-fond, u dan premess, ir-rikorrenti talbu li l-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond imsemmi, bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

2. Illi s-socjeta' intimata eccepiet li (a) ma kienux jurukom l-elementi li jiggustifaw ir-ripresa tal-pussess mir-rikorrenti, u (b) ma kienu kisru ebda wahda mill-obbligi taghhom u li kienu qed juzaw il-fond skond il-ftehim, salvi twegibiet ulterjuri.

3. Illi b'sentenza moghtija fil-15 ta' Gunju 2000, il-Bord li Jirregola l-Kera cahad it-talba rikorrenti, bl-ispejjez, billi sostna li r-rikorrenti biddlet id-destinazzjoni tal-fond de quo, u wara li l-Bord ikkonstata li f'kaz ta' apprezzament ta' provi, jekk jezisti dubbju fl-interpretazzjoni, d-dubbju imur favur il-kerrej, li jista' jitlef il-pussess tal-fond, u wra li l-Bord iddikjara li kien konvnint li r-rikors promotur sar biex isahhah it-talba ghaz-zieda fil-kera tal-fond.

4. Ilii r-rikorrenti hassuhom aggravati bis-sentenza imsemmija u qeghdin jinterponu umli appell minnha.

5. Illi l-aggravju tar-rikorrenti appellanti huma dawn :-

(a) Il-Bord ma tax interpretazzjoni korretta tal-provvediment tal-ligi li jawtorizza r-ripresa tal-pussess tal-fond jekk jigi ppruvat bdil mhux awtorizzat fid-destinazzjoni tal-fond mikri.

Irrizulta mill-provi li l-fond de quo kien mikri bhala 'store', u li llum kien qieghed jintuza bhala 'showroom' u hanut.

Dawn il-fatti jammontaw ghal bdil fid-destinazzjoni tal-fond.
(b) Il-Bord ma ghamilx apprezzament korrett tal-ftehim tal-lokazzjoni tal-fond.

Irrizulta mill-provi li originarjament il-fond inkera bhala fabbrika tal-madum, u wara bhala ‘store’. Irrizulta li llum ma ghadux jintuza la bhala fabbrika, u lanqas bhala ‘store’. Il-ftehim tacitu tar-rikorrent ghall-uzu tal-fond bhala ‘store’ ma setghax jigi legalment interpretat li jkopru l-uzu tal-fond bhala ‘showroom’ u bhala hanut.

(c) Il-Bord ma kienx korret legalment dwar il-kaz ta’ dubbju fl-interpretazzjoni u l-apprezzament tal-provi.

Fl-eccezzjonijiet taghha, is-socjeta’ intimata appellata issottomettiet li kienet qeghda tuza l-fond skond il-ftehim. Il-prova li l-ftehim kien fis-sens li hija kellha tuza l-fond bhala ‘showroom’ u bhala hanut kienet tinkombi lilha u mhux lill-appellanti.

(d) Il-Bord ma ghandux apprezzament korrett tal-konsegwenzi legali tal-fatt li gie ippruvat ta’ kemm il-fond ma kienx uzat attivament.

6. Ghaldaqstant, l-appellanti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera tal-15 ta’ Gunju 2000, fir-rikors fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ appellata tilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghar-ripresa fil-pussess tal-fond numru 39, Triq Psaila, B’Kara, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta’ appellata.”

## KONSIDERAZZJONI TA’ DIN IL-QORTI

Qabel tinvesti l-mertu din il-Qorti kellha necessarjament tiddisponi mill-eccezzjoni preliminari tal-appellati li tikkontesta r-ritwalita’ tal-proceduri fl-appell. L-intimati appellati nfatti jecepixxu preliminarjament l-inammissibilita’ tal-appell stante li gie ntrodott tardivament. Dana kontra d-dispozittiv tas-sub-inciz 2 tal-artikolu 24 tal-Kap 69. Din l-eccezzjoni li tidderimi l-mertu tirrizulta ghal kollox fondata. Infatti bejn

id-data meta inghatat is-sentenza u d-data meta gie ntavolat l-appell ghaddew b'kollox tmint ijiem utili tax-xoghol.

Is-sub-inciz 2 tal-artikolu 24 tal-Kap 69 jipprovdi illi l-appell jingieb quddiem din il-Qorti b'rikors "fi zmien sitt ijiem tax-xoghol mi-data li fiha d-decizjoni tal-Bord tkun inghatat". Kjarament allura l-appell kien tardiv u fuori termine. Kien irritwali u din il-Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Dan ukoll ghaliex termini ta' din ix-xorta huma ta' ordni pubbliku u l-Qorti ma kellha l-ebda diskrezzjoni biex tissana tardivita' bhal din.

Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni preliminari tal-irritwalita' tal-procedura avvanzata mill-appellati qed tigi milqugha. L-appell hu dikjarat null u bla effett fil-ligi u din il-Qorti tastjeni mill tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez jithallsu mir-rikorrenti appellanti.

Dep/Reg

mg